MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Rikors Kongunt Numru. 267/2013

**Rikors Kongunt ta' A B u C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt npprezentat fl-24 ta' Mejju 2013 li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew u talbu hekk:

Illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Settembru 1988, u minn dan iz-zwieg kellhom tliet itfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Liza Schembri ppubblikat fil-15 ta' Gunju 2007;

Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant il-partijiet umilment talbu sabiex il-Qorti:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------